PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 6789

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 370 tas-16 ta' Marzu 2016 mid-Deputy Speaker, l-Onor Ċensu Galea.

_____________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN – TAGĦRIF DWAR L-IMPJEGATI**

**26. L-Onor. Luciano Busuttil jistaqsi lill-Ispeaker**: Jista' l-Ispeaker jagħti lista ta' persuni li jaħdmu jew f'xi ħin ħadmu fl-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati mill-2004 sal-lum u li xi darba kienu parti minn Segretarjati ta' Membri Parlamentari Ewropej u/jew kienu jipprovdu servizzi lil Membri Parlamentari Ewropej? Għal kull każ, jista' jgħid liema huma dawn is-Segretarjati u jagħti l-perjodi eżatti meta servew f'dawn is-Segretarjati flimkien mal-karigi li kellhom u/jew servizzi li kienu jipprovdu? Jista' jagħti d-data meta ġew impjegati mal-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati? Jista' jgħid jekk kenux impjegati mal-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati wara sejħa pubblika jew le?

23.02.16

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN – TAGĦRIF DWAR L-IMPJEGATI**

**27. L-Onor. Luciano Busuttil jistaqsi lill-Ispeaker**: Jista' l-Ispeaker jagħti lista ta' persuni li jaħdmu jew f'xi ħin ħadmu fl-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati mill-2004 sal-lum u li xi darba kienu jagħmlu parti minn Segretarjati privati tal-Prim Ministru, Ministri, Segretarji Parlamentari, Segretarji Permanenti jew persuni appuntati politikament? Għal kull każ, jista' jgħid liema huma dawn is-Segretarjati u jagħti l-perjodi eżatti meta servew f'dawn is-Segretarjati flimkien mal-karigi li kellhom? Jista' jgħid x'kien il-ħlas u l-perkaċċi kollha li kellhom f'din il-kariga? Jista' jagħti d-data meta ġew impjegati mal-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati? Jista jgħid jekk kenux impjegati mal-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati wara sejħa pubblika jew le?

23.02.16

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN – TAGĦRIF DWAR L-IMPJEGATI**

**28. L-Onor. Luciano Busuttil jistaqsi lill-Ispeaker**: Jista' l-Ispeaker jagħti lista ta' persuni li jaħdmu jew f'xi ħin ħadmu fl-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati mill-2004 sal-lum u li xi darba kellhom ħatra f'bord governattiv, awtorità, aġenzija, kumpaniji tal-Gvern, parastatali jew entitajiet fejn il-Gvern għandu interess? Għal kull każ, jista' jgħid liema huma dawn l-entitajiet u jagħti l-perjodi eżatti meta servew flimkien mal-karigi li kellhom jew għandhom? Jista' jgħid x'kien il-ħlas u l-perkaċċi kollha li kellhom f'din il-kariga? Jista' jagħti d-data meta ġew impjegati mal-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati?

23.02.16

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN – TAGĦRIF DWAR L-IMPJEGATI**

**29. L-Onor. Luciano Busuttil jistaqsi lill-Ispeaker**: Jista' l-Ispeaker jagħti lista ta' persuni li jaħdmu jew f'xi ħin ħadmu fl-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati mill-2004 sal-lum u li xi darba kienu appuntati f'*position of trust* mill-Gvern? Għal kull każ jista' jagħti dettalji ta' din il-*position of trust* u jagħti l-perjodi eżatti meta servew flimkien mal-karigi li kellhom jew għandhom? Jista' jgħid x'kien il-ħlas u l-perkaċċi kollha li kellhom f'din il-kariga? Jista' jagħti d-data meta ġew impjegati mal-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati?

23.02.16

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN – TAGĦRIF DWAR L-IMPJEGATI**

**30. L-Onor. Luciano Busuttil jistaqsi lill-Ispeaker**: Jista' l-Ispeaker jagħti lista' ta' persuni li jaħdmu jew f'xi żmien ħadmu fl-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati mill-2004 sal-lum u li kellhom u/jew għandhom *shareholding* u/jew huma diretturi f'kumpaniji u/jew persuni li pprovdew u/jew jipprovdu servizzi u/jew ibigħu prodotti lill-Gvern u/jew awtoritajiet u/jew aġenziji u kumpaniji tal-Gvern u/jew parastatali u/jew entitajiet fejn il-Gvern għandu interess? F'kull każ, liema huma l-kumpaniji fejn dawn il-persuni għandhom interess? F'kull każ, dawn il-persuni iddikjaraw l-interess tagħhom u x'inhi s-sistema li tintuża mill-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati biex jigi *monitored* kull eventwali kunflitt ta' interess? Jinżamm reġistru ta' dawn ir-relazzjonijiet u jekk fl-affermattiv, kemm ilu jinżamm?

26.02.16

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN – TAGĦRIF DWAR L-IMPJEGATI**

**31. L-Onor. Luciano Busuttil jistaqsi lill-Ispeaker**: Jista' l-Ispeaker jagħti lista' ta' persuni li jaħdmu jew f'xi żmien ħadmu fl-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati mill-2004 sal-lum u li jaħdmu u/jew f'xi żmien ħadmu u/jew għandhom u/jew ipprovdew xi tip ta' servizz u/jew kellhom xi tip ta' relazzjoni ma' kumpaniji u/jew persuni li pprovdew u/jew jipprovdu servizzi u/jew ibigħu prodotti lil Gvern u/jew awtoritajiet u/jew aġenziji u kumpaniji tal-Gvern u/jew parastatali u/jew entitajiet fejn il-Gvern għandu interess? F'kull każ, liema huma l-kumpaniji fejn dawn il-persuni għandhom interess? F'kull każ, dawn il-persuni ddikjaraw l-interess tagħhom u x'inhi s-sistema li tintuża mill-Uffiċċju tal-Ombudsman u Kummissarji relatati biex jiġi *monitored* kull eventwali kunflitt ta' interess? Jinżamm reġistru ta' dawn ir-relazzjonijiet u jekk fl-affermattiv, kemm ilu jinżamm?

26.02.16

**MR SPEAKER:** L-Uffiċċju tal-Ombudsman jinforma li minn mindu twaqqaf l-Uffiċċju tal-Ombudsman fl-1995 sal-lum l-informazzjoni tax-xorta mitluba mill-Onorevoli Interpellant dwar persuni li ġew impjegati f'dan l-Uffiċċju qatt ma ntalbet u qatt ma nħass il-bżonn li tintalab jew tinżamm.

Mill-2004 'l hawn, il-kriterji li ggwidaw il-proċess tal-għażla waqt proċedura għall-ingaġġ ta' impjieg f'kull grad, sar dejjem wara sejħa pubblika, reklamat fuq il-*media* u kien dejjem wieħed miftuħ u trasparenti, kienu jinkludu l-kompetenza, il-kapaċità, l-esperjenza, il-lealtà, l-onestà u l-addattabilità. Il-kariga li wieħed seta' kien jokkupa kandidat qabel intgħażel, il-fehma politika personali tiegħu jew il-fatt li kien qarib ta' xi ħadd fil-politika ma kienu qatt konsiderazzjoni determinanti fil-proċess tal-għażla.

Qabel l-2004 l-Uffiċċju kien diġà impjega lill-ħu *ex* Prim Ministru bħala *Manager Corporate Affairs* u lill-*ex* Uffiċjal Mediku Ewlieni kariga mill-ogħla fis-servizz pubbliku, bħala Konsulent Amministrattiv.

L-impjegati kollha huma liberi li jkollhom l-opinjoni politika personali tagħhom imma huma preklużi milli jipparteċipaw b'kull mod fil-politika partiġġjana. Dan bi struzzjonijiet li huma ferm aktar espliċiti u kategoriċi minn dak li hemm fil-*Public Service Management Code.* Infatti f'Ċirkolari tal-15 ta' Lulju 2014 jingħad hekk –

*"L-istaff kollu hu mfakkar li, għalkemm wieħed hu intitolat għall-konvinzjonijiet politiċi personali tiegħu, ma hu bl-ebda mod permess li wieħed jinvolvi ruħu, la direttament u lanqas indirettament f'attivita politika partiġġjana ta' kull xorta.*

*L-Ombudsman iqis li din hi kunsiderazzjoni tal-impjieg u kull nuqqas f'dan ir-rigward jista' jwassal għal konsegwenzi serji. F'każ ta' diffikultà wieħed għandu javviċina lill-Ombudsman direttament biex jiġi ggwidati kif għandu jaġixxi."*

L-informazzjoni mitluba ma tistax tingħata għaliex qatt sa minn meta nfetaħ l-Uffiċċju ma nżammet u ma tinżammx fil-*personal file* tal-impjegati. L-Ombudsman sal-lum jaqbel ma' din il-prattika. Ma jirriżultalux li, issa jew fil-passat, qatt kien hemm ċirkostanzi fejn l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Interpellant kienet meħtieġa biex jiġi evitat eventwali konflitt ta' interess, minnu prospettat. Hu tal-fehma wkoll illi jkun ħażin jekk, bħala regola, tinżamm l-informazzjoni personali tal-impjegati mitluba għaliex din tista' tkun inġerenza indebita fil-ħajja privata tagħhom.

Mill-banda l-oħra jekk l-Onorevoli Interpellant jeħtieġ informazzjoni fuq xi impjegat partikolari li hu fil-preżent impjegat mal-Uffiċċju, hu mitlub ikun speċifiku fit-talba tiegħu. L-Uffiċċju jara jekk l-informazzjoni mitluba għandhiex tingħata mill-istess impjegat, wara li tinġieb l-awtorizzazzjoni mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data jekk dan hu meħtieġ.

Għalkemm l-Uffiċċju mhux marbut bil-Kodiċi li japplika għas-Servizz Pubbliku, dan l-Uffiċċju jirrispetta l-prinċipju li impjegat hu obbligat li jiddikjara kwalunkwe interess personali li jista' jxekklu fid-dmirijiet tiegħu jew joħolqulu konflitt ta' interess.

16.03.16